KUNSILL LOKALI | KALKARA | LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara**

**Is-8 LEĠISLATURA**

## Laqgħa Numru 1/2022

18 ta' Jannar 2022

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1/ 2, Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, Kalkara, fl-4:00 ta' filghaxija.

**PREŻENTI:**

Wayne Aquilina - Sindku
Vincent Bongailas - Viċi-Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Speranza Chricop - Kunsilliera

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Christopher Bruno - Kunsillier

**ASSENTI:**

Ma kienx hemm

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Elaine Caruana - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa

Hekk kif din kienet l-ewwel laqgħa formali wara l-mewt tal-ewwel Sindku u l-Ex Kunsillier is-Sur Michael Zarb, Fuq talba tas-Sinjura Speranza Chircop, il-kunsill għamel minuta silenzju bħala sinjal ta' rispett. Wara din il-minuta silenzju s-Sindku s-Sur Wayne Aquilina fetaħ din il-laqgħa b'tislima lis-Sur Zarb u b'ringrazzjament għal-ħidma li hu wettaq tul it-12-il sena servizz fil-Kunsill Lokali tal-Kalkara

**1.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

**1.1.1** Ma kienx hemm

**1.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti**

**1.2.1** Il-minuti ta' seduta numru 12 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

**1.2.2** Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sinjura Maria Sultana u ssekondata mis-Sinjur Vincent Bongailas, il-minuti ġew approvati unanimament

**1.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

**Nota: Is**-Sindku ta merħba għal sena ġdida ta' ħidma tal-istess kunsill. Huwa qal li huwa determinat li jkompli jwassal il-ħidma lejn ir-residenti Kalkariżi bħal ma' diġa' l-kunsill qiegħed jagħmel u ser ikompli jagħmel l-almu tiegħu biex dan jibqa' jseħħ. Huwa rrimarka li ninsabu f'nofs din il-leġislatura u Talab il-koperazzjoni tal-membri tal-kunsill biex b'hekk wieħed jiddiskuti u jargumenta u jasal għal dak li huwa l-aħjar għal maġġoranza tar-residenti. Huwa saħaq illi l-kunsil għandu jkompli jiġbed ħabel wieħed biex tkompli ssir ħidma bla waqfien fuq suġġetti varji.

**1.3.A** **Triq is-Sienja – Tabelli ġodda:** Is-Sindku nforma l-kunsill dwar tabelli ġodda li tweħħlu ġewwa Triq is-Sienja (il-parti l-antika) wara li nġabet konferma formali minn TM li din it- triq minn dejjem kienet meqjusa bħala 'one way road' minħabba n-natura tal-istess triq speċjalment il-wisa u l-parkeġġ fil-preżent. Dawn it-tabelli tweħħlu wara das-snin kollha qatt ma kien hemm indikazzjoni ċara għas-sewwieqa li jużaw din iż-żona. Kien hemm ukoll rikjesta mingħand il-puluzija li jkunu fiż-żona jidderiġu t-traffiku speċjalment fil-ħin tal-iskola. Fl-istess ħin il-madam tal-iskola Primarja nnutat illi ż-żona ġiet waħda perikoluża minħabba karozzi li jgħaddu kontra t-traffiku minħabba anke l-fatt illi fil-passat ma kienx hemm daqshek

residenti fiż-żona u forsi karozzi ma kienux jgħaddu daqshekk pero' llum il-ġurnata iż-żona saret waħda kemm xejn busy li wieħed ma jagħtix każ in-natura tat-triq li ma kien hemm l-ebda tabelli ta' indikazzjoni.

Is-Sindku qal illi din l-anomalija li kien hemm f'din it-triq riedet tiġi ċċarata anke ħabba suġġerimenti mingħand in-nies stess speċjalment meta kienet qed issir l-istess triq minn 'Infrastructure Malta' fis-sena 2021. Dak iż-żmien il-kunsill qisu kien ta l-kunsens tiegħu illi matul dawn ix-xogħolijiet dak li jkun seta' jgħaddi 'one way' għal affini ta' loġistika pero' dan kien biss permessibli sa ma tlestew dawn ix-xogħolijiet.

Is-Sur Vince Bongailas qal illi dawn it-tabelli x'aktarx qatt ma kienu hemm fil-passat, xtaq isaqsi għalfejn saru dawn it-tabelli. Is-Sindku qal illi din il-mistoqsija hija minnha infusha mwieġba fl-ispjegazzjoni li diġa' ta qabel.

Is-Sur Chris Bruno innota li għandha ssir mera fejn saret id-'direction sign' biex tiġi użata għaliex ġiet daqsxejn perikoluża għal min ikun nieżel u ieħor forsi ħiereġ minn ġol garaxxijiet fiż-żona.

**B E-VAN:** Is-Sindku nforma l-kunsill illi għat-tieni darba konsekuttiva nħareġ it-tender biex jinxtara electric van hekk kif kien ilu jiġi diskuss f'seduti preċedenti dan wara illi mal-ewwel sejħa ma kien hemm l-ebda offerta. Għaddejjin fil-proċess tas-second call biex forsi sa fl-aħħar ikollna offerta idonja u jinxtara l- van għal benefiċċju tar-residenti tal-Kalkara hekk kif dejjem ġie maqbul u diskuss mill-kunsill. Rendikont ser ikun qed jingħata aktar tard fis-seduta ta' Frar bir- riżultat ta' din is-'second call' peress li fil-preżent it-tender għadu miftuħ għas-sottomissjonijiet għal min hu interessat.

F'dan ir-rigward is-Sinjura Sultana saqsiet fuq il-fondi tas-Shoreline x'sar minnhom. Is-Sindku innota illi għalissa wieħed għadu ma użax is-somma imwgħeda lejn il-komunita'. Is-Sinjura Sultana saħqet illi fis-sena 2022 wieħed għandu jerġa' jibda l- komunikazzjoni man-nies involuti f'shoreline biex wieħed jaħseb fuq proġett li jibbenefikaw minnhom ir-resident Kalkariżi.

**C Kuntrattur tal-iskart:** Is-Sindku nforma l-kunsill dwar it-tranżizzjoni bejn kuntrattur u ieħor tal-ġbir fil-lokal. Jinsab ferm kuntent dwar din it-tranżizzjoni għax anke bil-għajnuna tal-contracts manager u tas-Seg Eżek setgħet issir ħafna aħjar anke minħabba l-fatt illi ltaqa' fuq is-sit mal-kuntrattur il-ġdid anke fil-ġranet ta' festi li għaddew. Il-kuntrattur il-ġdid jidher li miexi tajjeb ħafna abbażi anke tal-ilmenti li m'humiex jidħlu sal-preżent. Is-Sindku qal illi għalkemm it-tranżizzjoni ma kinitx pjanat fl-aħjar ġranet tas-sena jinsab il-veru kuntent kif ħadem kulħadd flimkien biex din il-bidla setgħet issir bl-aħjar mod possibli. Is-Sindku semma wkoll noti pożittivi fuq dan il-kuntrattur il-ġdid bħal indafa tat-trakkijiet li juża għal ġbir, ħaddiema tiegħu edukati, skips nodfa u magħluqa eċċetra eċċetra. Is-Sur Bruno

għadda kumment fejn miż-żona ta' Triq il-Ġir id-driver qiegħed xi drabi jgħaddi 'one way' sfortunatament biex wieħed ikun jista' jkellmu ħabba raġunijiet ovvji.

**D Parkeġġ Triq il-Konvoj Santa Marija:**

Is-Sindku nforma l-kunsill dwar suġġeriment li għadda lill-MTIP biex anke jtuna l-għajnuna tagħhom f'sens ta' finanzi kif ukoll b'xogħolijiet manwali biex jiżdied il-parkeġġ in-naħa ta' Konvoj Santa Marija dan wara ħafna lmenti mingħand in-nies li joqgħodu fiż-żona anke wara li tneħħew xi parkeġġi minn naħa ta' Smart City peress illi iż-żona hija tagħhom u mhux waħda pubblika u ġiet mikrija lil terza persuna għal affini ta' business. L-idea hija illi titnaqqas il-bankina li hemm fiż-żona u jiżdiedu l-parkeġġi fiż-żona għal benefiċċju tar-resident fiż-żona.

**E Laqgħat 2022 :**

Is Sindku nforma l-kunsill illi mad-dokumenti pprezentati quddiemhom waqt din is-seduta ser isibu kalendarju tas-seduti għas-sena 2022 hekk kif ġie ssuġerit anke mill-kunsill stess fis-sena 2021. Dan ma jfissirx li dawn huma kkonfermati ħabba raġunijiet ovvji imma għall-inqas wieħed ikollu indikazzjoni kull xahar meta ser issir is-seduti formali tal-kunsill biex ikun jista' jippjana aħjar affarijiet personali li jkunu ser jaħbtu mal-istess data.

**F Trejqet il-Milied :**

Is-Sindku nnota andament ta' din l-attivita' li saret Diċembru 2021 fejn jinsab kuntent ħafna rigward iż-żvilup tagħha. Is-Sindku qal illi kien ferm kuntent anka bl-attendenza tan-nies li ġew anke bit-tfal li dehru ċar li qed jieħdu gost bl-attivitajiet kollha li ġew organizzati bis-saħħa anke tal-fondi li nġiebu mid-dipartiment tal-Kunsill Lokali. Is-Sindku spjega l-expenses li saru u l-ftit 'extra costings' li l-kunsill ser iħallas. Il-kunsill qabel unanimament ma' dawn il-costings li jridu joħorġu u saħansitra approva l-iskeda ta' pagamenti li ġiet ippreżentata waqt din is-seduta stess. Is-Sindku ssuġġerixxa li din l-attivita' terġa' ssir din is-sena 2022 f'każ li jkun hemm jerġa' fondi mid-dipartiment il-għaliex il-kunsill waħdu żgur li ma jistax jagħmilha minħabba raġunijiet ta' finanzi. Is-Sindku rringrazzja formalment lill-kunsilliera Maria u Speranza li taw sehem bi sħiħ tagħhom f'attivitajiet differenti.

**G Malta Film Awards:**

Is-Sindku nforma l-kunsill illi formalment bħala kunsill applikajna għal Malta Filma Awards billi nnominajna lil Fort Ricasoli għal Best Maltese Film Location Award. Fil-ġranet li għaddew fuq il-midja soċjali tal-kunsill itellaw posts rigward il-Malta Film Awards, kompetizzjoni bejn lokalitajiet bl-isbaħ post li inħadmu films differenti. Is-Sindku f'isem il-kunsill saħaq fil-ġranet li għaddew u talab l-għajnuna tar-residenti billi jivvutaw għal Fort Ricasoli fejn inħadem il-film Gladiator fost

ohrajn, biex b'hekk inkunu ma' lokalitajiet oħra u l-kunsill ikun fi-ċans li jirbaħ 25,000Ewro premju għal benefiċċju tar-residenti stess u l-lokalita' tal-Kalkara. Iż-żmien tal-votazzjoni ingħalaq fil-ġranet li għaddew u wieħed għad irid jistenna r-riżultat aktar il-quddiem f'Jannar 2022.

**H Festa Ċitru :**

Is-Sindku nforma lill-kunsill dwar attivita' li qiegħed jaħdem fuqha li ser issir nhar il-Ħadd 30 ta' Jannar 2022 ġewwa Ġnien is-Salvatur mit-8:30am sas-12pm. Is-Sindku wkoll qal illi fuq il-midja soċjali tella' bħal ma għamel is-sena l-oħra biex min għandu xi ċitru żejjed id-dar wieħed ikun jista' jġibu l-kunsill biex b'hekk jitqassam ma' residenti oħra fl-istess lokal. Din hija inizjattiva li ma tiswa xejn il-ħadd u huwa ġest sabiħ immense lejn l-istess komunita'. Is-Sindku talab illi jekk tafu il xi ħadd fil-bżonn jew xi nies li jistgħu jagħtu kontribut tajjeb li wieħed jinfurmah ħalli jkun jista' jitqassam dan il-frott taċ-ċitru. Is-Sindku nforma lill-kunsill dwar attivita' li qiegħed jaħdem fuqha li ser issir nhar il-Ħadd 30 ta' Jannar 2022 ġewwa Ġnien is-Salvatur mit-8:30am sas 12pm. Din l-attivita' ser iġġib l-isem ta' "L-għodwa taċ-ċitru" Is-Sindku qed jikkordina kollox ma' dak li għandu x'jaqsam stands abbinati ma għasel, bejgħ ta' larinġ, it-truck tal-Wasteserv u oħrajn. Din l-attivita' ser isir ġewwa Ġnien is-Salvatur biex anke jintuża dan il-ġnien tant sabih. Is-Sinjura Sultana ssuġġeriet illi tista' titħawwel siġra tal-larinġ għal okkażżjoni ta' din l-attivita' l- għaliex tkun xi ħaġa sabiħa.

**I Performance Bonuses Segretarju Eżekuttiv u ħaddiema:**

Is-Sur Sindku ressaq quddiem il-Kunsill l-Performance Bonus tal-Impjegati:

i. Elaine Caruana - Segretarju Eżekuttiv 10%
ii. Maria Camilleri – Clerk 6%
iii. Deemer Bilocca – Clerk 6%
iv. Martin Meilaq – Handyman 6%
v. Brian Loffreda – Contracts Manager 6%

Is-Sindku Wayne Aquilina pproponat u l-Viċi Sindku Vincent Bongailas ssekonda. Il-Kunsill unanimament approva li jitħallsu l-bonuses bir-rati indikati ħdejn kull isem hawn fuq

**J Korrespondenza :**

1 Il-kunsill qabel unanimament illi s-Seg Eżek għandha tieħu ħsieb flimkien mas-Sindku peress li huma wkoll firmatarji tal-istess kunsill li jinfetħu accounts oħra mal-BOV peress li diġa' l-kunsill għandu kontijiet oħra miftuħin ma' dan l-istess

bank, biex jintużaw għal affini li jkun hemm bżonn primarjament għal payroll tal-ħaddiema u dħul u ħruġ għal attivitajiet organizzati matul is-sena.

**K Punti Ġenerali:**

**Ma kienx hemm**

**1.4 Punti Generali :** Ma kienx hemm

1.5 i1 Is-Sur Bongailas saqsa jekk hux possibli ssir xi tip ta' informazzjoni bħal billboard jew pjanta stampi jew whatever mal-hoarding li tweħħel ix-Xatt fejn ser ssir riġenerazzjoni tax-Xatt bħala informazzjoni għar-residenti jew bniedem li jkun qiegħed fiż-żona biex ikunu jafu kif ser isir dan il-proġett viżivament.

ii 1 Is-Sinjura Chircop reġat saqsiet fuq l-ilment li kienet għaddiet dwar ħofra jew aħjar triq li nieżla l-isfel fi Triq il-Ġenista.

ii2 Is-Sinjura Chircop saqsiet fiex wasalna fil-proġett tal-ħamiem fil-lokalitajiet. Is-Sindku nforma l-kunsill illi huwa stess kien preżenti waqt laqgħa li ġiet organizzata ma' persuna li ser jieħu ħsieb dan il-proġett u l-assoċjazzjoni tal-kunsilli. Is-Sindku qal illi wieħed għandu jieħu ħsieb jikkuntattja dan il-persuna mqabbda biex wieħed jara l-way forward ta' dan il-proġett. Huwa qal illi ser jieħu ħsieb ikellmu.

Iii 1 Is-Sur Bruno xtaq isaqsi kif jista' jkun kuntrattur partikolari li qed jaħdem Triq Patri Mattew Sultana qed ikompli jaħdem sa 10pm b'konsegwenza li ħafna residenti qiegħedin jilmentaw fuq din il-kwistjoni u bir-raġun.

1.5a Ħin allokat għas -Sur Vincent Bongailas – Viċi Sindku

1 Is-Sur Bongailas issuġġerixxa li ssir tabella biex wieħed ikollu indikazzjoni li minn dawn iż-żoni jaqsmu l-qtates biex ikollna inqas inċidenti:

Żona Rinella u żona Esplora

Is-Sur Bongailas ser ikun qiegħed iġib indikazzjoni tal-post eżatt fejn iridu jsiru.

2 Dan il-punt diġa' ġie diskuss f'punti preċedenti

3 Is-Sur Bongailas staqsa kif hawn ħafna bozzoz li ma jaqawx taħt ir-responsabbilta' tal-kunsill jdumu mitfijin aktar minn 10 t'ijiem. Is-Sindku qal illi meta wieħed jara xi bozza maqtugħa wieħed għandu jieħu ritratt ta' fejn hu mitfi biex isir rapport formali mal-awtorita' kkonċernata.

B Is-Sinjura Maria Sultana qalet illi avolja ma indikatx li kellha punti x'tiddiskuti xtaqet tgħaddi lment fuq trakkijiet viċin il-petshop li hemm tax-Xatt il-għaliex qed ikun perikoluż immens. Hija saħqet illi għandom jinġiebu uffiċjali biex jidderieġu i t-traffiku bħal ma jagħmlu nies normali li jiġu japplikaw għal permess u jkunu ser jagħlqu t-triq. Is-Sur Sindku qal illi fil-verita' jaqbel magħha u għandha raġun imma meta tinqala' emerġenza wieħed ma jkollux kontroll ta' kif ser isir ix-xogħol.

1.5c Ħin allokat għas-Sinjura Speranza Chircop – Kunsilliera

1 Bizzilla kors waqaf minħabba l-Covid-19 u n-numri ta' każi li telgħu.

2 Tħassret il-ħarġa tal-presepji minħabba Covid

3 Ħarġa kulturali għal Frar 2022 qed tiġi ppjanata

1.5 d Ħin Allokat għas-Sinjur Christopher Bruno – Kunsillier

Ma kellu l-ebda punt x'jiddiskuti

**1.6 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti.**

**1.6.1** Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda kienet intbgħatet via email aktar kmieni din il-ġimgħa biex kull kunsillier ikollu ċans jagħtiha titwila kif suppost qabel japprova l-istess pagamenti .

1.6.2 Fuq proposta tas-Sa. Speranza Chircop ssekondata mis-Sinjura Maria Sultana, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' ħlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A). 1.22

**1.7 Mozzjonijiet**

**Ma kienx hemm**

**1.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

1.8.1 Is-Seduta ntemmet fis-6:30pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal-15 ta Frar 2022 fl-4:00 ta' wara nofsinhar

Konfermati, illum ______________________________

| | |
|---|---|
| **Wayne Aquilina** | **Elaine Caruana** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |